IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnheim Road
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
nationalbookcouncil@gov.mt
ktieb.org.mt

**Linji Gwida għar-Reċensuri tal-Paġna Letterarja – 2026**

Kontenut

1. Ir-reċensur għandu jikteb artiklu bil-Malti ta' mhux aktar minn 800 kelma dwar ktieb letterarju jew ta' ġeneru ieħor, mhux neċessarjament miktub bil-Malti, iżda li jġorr ISBN Malti maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

2. L-artiklu għandu jkun reċensjoni ta' ktieb jew sensiela ta' kotba, intervista, riflessjoni fuq tema letterarja, jew diskussjoni dwar aħbarijiet mid-dinja tal-kotba (anke aħbarijiet internazzjonali) f'rabta mal-kuntest Malti.

3. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jara kull, reċensjoni jew artiklu mibgħut mir-reċensur qabel dawn imorru għall-istampa, u jirriserva d-dritt li ma jaċċettax li dawn jiġu stampati jekk iħoss li l-kontenut huwa malafamanti, libelluż jew materjal illegali ieħor biex jiżgura li r-reċensjoni timxi ma' prattiċi etiċi.

4. Ir-reċensjonijiet għandhom ikunu ta' livell u jippreżentaw argumenti ta' sustanza. Ir-reċensur għandu jevita s-superfiċjalità billi jidħol fil-fond tat-test reċensat permezz ta' kummenti dwar temi letterarji, stilistika u teorija letterarja fost oħrajn, u permezz ta' analiżi kritika tal-merti u n-nuqqasijiet tat-test. Ir-reċensur hu mħeġġeġ joħloq diskussjoni intriganti u ma joqgħodx lura mill-kontroversja. L-artiklu għandu jinkiteb b'Malti tajjeb u mexxej.

5. F'każ ta' intervisti, l-intervistatur għandu jersaq lejn is-suġġett jew lejn it-test b'mod innovattiv billi ma jżommx mal-istess formola jew mistoqsijiet. Ir-reċensur għandu jsaqsi mistoqsijiet interessanti li jimpenjaw lill-persuna intervistata, u hu mħeġġeġ jagħti angolu partikolari lill-intervista. Jistgħu jsiru intervisti dwar pubblikazzjonijiet ġodda, diskussjoni fuq tema kurrenti jew jista' anki jsir dibattitu bejn żewġ persuni b'opinjonijiet differenti, fost oħrajn.

6. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirriserva d-dritt li jeditja l-artiklu mibgħut partikolarment fejn jidħlu t-titlu, is-sottotitlu, id-dettalji tal-pubblikazzjoni u żbalji ta' kontenut jew ortografija. Jekk ir-

National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnheim Road
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
nationalbookcouncil@gov.mt
ktieb.org.mt

reċensjoni jkun jeħtiġilha bidliet kbar, il-KNK javża u jiddiskuti mar-reċensur.

Għażla tal-ktieb

7. Ir-reċensur għandu jagħżel il-kotba li jiġu reċensati fuq il-paġna letterarja rispettiva tiegħu. Ir-reċensur hu mħeġġeġ biex jagħżel kotba li ġew ippubblikati riċentament sabiex ir-reċensjonijiet ikunu rilevanti u kurrenti, b'suba' fuq il-polz tal-kultura letterarja Maltija. Dan ma jeskludix li r-reċensur jikteb dwar pubblikazzjonijiet inqas riċenti b'rabta, ngħidu aħna, ma' tema speċifika jew anniversarju fost oħrajn.

8. Il-ktieb magħżul mir-reċensur ma jistax ikollu kontenut ta' natura libelluża jew miktub minn impjegat tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

9. F'każ ta' intervisti, il-persuni intervistati għandhom jintgħażlu mir-reċensur. L-ismijiet għandhom jitressqu lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u fejn applikabbli, l-intervistatur għandu jipprovdi l-isem tal-ktieb li se jiġi diskuss waqt l-intervista.

10. Meta l-ktieb jingħata lir-reċensur minn awtur, editur jew pubblikatur, ir-reċensur għandu jiddikkjara dan fl-artiklu billi jehmeż din is-sentenza fl-aħħar: "L-awtur/editur/pubblikatur bagħatli kopja tal-ktieb biex nirreċensah b'mod onest." Ir-reċensur għandu jiżgura li l-artiklu ma jiħux forma ta' reklam jew paġna promozzjonali billi jżomm mal-prinċipji mniżżla aktar 'il quddiem.

11. Ir-reċensur għandu jibgħat email bit-titli tal-kotba li se jirreċensa jew bil-kontenut tal-artikli lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mhux inqas minn ġimgħa qabel ir-reċensjoni tiġi mitbugħa fuq il-gazzetta. Wara li dawn it-titli jiġu approvati mill-KNK, it-titli jitniżżlu fi skeda online li għaliha għandu jkollhom aċċess ir-reċensuri kollha sabiex jiġi evitat li jsiru reċensjonijiet fuq l-istess kotba jew l-istess temi. Ir-reċensuri huma mħeġġa sabiex jikkomunikaw bejniethom dwar l-għażla tal-kotba iżda l-approvazzjoni finali għandha tintalab u tingħata mill-KNK.

12. F'każ ta' bidla fl-iskeda, ir-reċensur għandu javża lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mill-inqas ġimgħa qabel id-data tal-pubblikazzjoni tar-reċensjoni fuq il-gazzetta. Ir-reċensur għandu jikkonsulta l-iskeda

National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnheim Road
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
nationalbookcouncil@gov.mt
ktieb.org.mt

biex jara li l-ebda reċensur ma kien ippjana li jirreċensa l-istess ktieb. It-talba hi suġġetta għall-approvazzjoni mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Sottomissjoni

13. Din il-kitba hija mistennija mir-reċensur darba kull tliet ġimgħat.

14. Ir-reċensur għandu jissottometti l-paġna letterarja sa mhux aktar minn tard mill-Ħamis f'nofsinhar. Il-paġna għandha tasal għand l-amminstratur tal-paġna letterarja, Matthew Borg (matthew.borg@ktieb.org.mt).

15. Qabel jibgħat il-paġna, ir-reċensur għandu jiżgura li l-artiklu ma jaqbiżx it-800 kelma. Jekk jaqbeż it-800 kelma, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb isaqsi lir-reċensur biex iqassar l-artiklu u jerġa' jibagħtu. Jekk ir-reċensur ma jissottomettix il-verżjoni riveduta sal-Ħamis f'nofsinhar, il-KNK jirriserva d-dritt illi jqassar l-artiklu qabel jintbagħat lill-editur tal-*Illum*.

16. Jekk l-intervista taqbeż it-800 kelma, ir-reċensur jista' jibgħat żewġ verżjonijiet tal-artiklu – il-verżjoni sħiħa li taqbeż it-800 kelma u l-verżjoni l-qasira li ma taqbiżx it-800 kelma – biex l-*Illum* jippubblika l-verżjoni l-qasira fuq il-gazzetta u l-verżjoni sħiħa online. L-artiklu fuq il-gazzetta għandu jistieden lill-qarrejja biex jaqraw il-verżjoni sħiħa fuq is-sit.

17. Ir-reċensur jintrabat li jżomm ir-reċensjoni għalih u ma jxerridhiex qabel din ma tidher mitbugħa fuq il-gazzetta *Illum* u ppubblikata online fuq is-sit tal-istess gazzetta. Ir-reċensur m'għandux javża lill-awtur jew lill-pubblikatur tal-ktieb li se tidher ir-reċensjoni tal-ktieb qabel ma tkun mitbugħa fuq il-gazzetta.

Pubblikazzjoni

L-artiklu jidher mitbugħ fuq il-gazzetta *Illum* nhar ta' Ħadd u jiġi ppubblikat online fuq is-sit tal-*Illum* it-Tlieta ta' dik il-ġimgħa.